MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2013

Appell Kriminali Numru. 157/2012

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Jason Paul Ciantar**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 556392 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-13 ta' Settembru 2010 ghall-habta tal-11.30 hrs fi Triq il-Kanonku Karmenu Pirotta B'Kara

1. bhala l-persuna li gesta attivita` kummercjali li tinkludi l-bejgh jew it-tiswija ta' vetturi halla jew ippermetta li jithallew vetturi ghal bejgh Toyota Rav 4 ta' kulur Silver u Toyota Corolla ta' kulur Silver li ma kellhomx numri tar-registrazzjoni u/jew ghat-tiswija jew inkella hasel il-vetturi f'xi parti tat-triq jew halla jew ippermetta li jithallew vetturi f'post pubbliku bil-hsieb li jkunu esposti ghal bejgh, immarkati bil-kliem "ghal-bejgh" jew kull kliem iehor li jindika l-intenzjoni ghall-bejgh;

2. kif ukoll bhala sid tal-imsemmijin vetturi halla jew ippermetta li jithallew l-imsemmija vetturi pparkjati fl-istess triq minghajr ma kellhom pjanci tar-registrazzjoni;
3. wara li kien gie kkundannat ghal reat, b'sentenza li saret definittiva ghamel reat iehor u b'hekk sar recidiv.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta' Marzu, 2012, li biha wara li rat l-artikolu 5 tat-Tieni Skeda tal-Avviz Legali 1 tal-2006, l-artikolu 18(4) tal-Motor Vehicle Regulations u l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u kkundannatu ammenda ta' mitejn u hamsin Ewro (€250).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-26 ta' Marzu, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza fejn sabet htija u l-piena inflitta fuqu dik ta' mitejn u hamsin Ewro (Euro 250) ammenda u minflok ma ssibx lill-appellant hati tal-akkuzi u tilliberah minnhom.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-
1. Illi fl-ewwel lok l-esponenti qieghed jissottometti illi l-prosekuzzjoni hija obbligat skond il-ligi sabiex treesaq l-ahjar prova u dan il-prosekuzzjoni ma ghamlitux. Minkejja li kien hemm xi telefonata, minkejja li raw il-vetturi barra ma sabu lil hadd gewwa x-showroom u assumew li dawn iz-zewg vetturi kienu tal-esponenti. L-esponenti f'dan il-kaz ma giex mitkellem u lanqas gie avvicinat.
2. Illi fit-tieni lok il-prosekuzzjoni messiet gabet il-prova li dawn il-vetturi kienu tal-esponenti u l-investigazzjoni fjakka li mexxiet il-prosekuzzjoni thalli hafna dubbji u inazetezzi. La sabu lill-esponenti u ma kellhomx pacenzja jistennew lill-esponenti. Jidher illi lanqas gie mghajjat l-ghassa sabiex jigi mistoqsi xi domandi u dan ihalli dubbju ragonevoli ta' min kien is-sid tal-vetturi. Il-prosekuzzjoni lanqas ma rrizultalha min pogga l-karta r-roza bil-website

tal-esponenti. Ukoll ma giex stabbilit min huma s-sidien tal-vetturi u ghalhekk l-akkuza li thallew minghajr pjanci zgur li ma tistax tirrizulta ghax ma giex verifikat minn hu s-sid taz-zewg vetturi.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

Li skont l-affidavit ta' WPS 198 Jennyfer Caruana nhar it-13 ta' Settembru 2010 għall-ħabta tal-11.30 am saret spezzjoni ħdejn Jason Auto Dealer , Triq il-Kanonku Karmenu Pirotta, Birkirkara fejn fit it-triq instabet Royota Rav 4 ta; kulur silver mingħajr numru tar-reġistrazzjoni b'karta roża flourescent bl-inidrizz tal-website 'jasonautodealer.com'

Kien hemm ukoll Toyota Corolla ta' kulur silver mingħajr numru tar-reġistrazzjoni li kellha karata ta' kulur aħdar flourescent imwaħħla minn barra. Il-garage kien miftuħ iżda ma kien hemm ħadd fuq il-post.

Sid il-garaxx huwa l-appellant.

Fil-proċess tinsab ukoll dikjarazzjoni ġuramentata ta' Keith Caruana, rappreżentant tad-Direttur Servizzi tal-Kummerċ.

Skont din id-dikjarazzjoni l-appellant għandu liċnenzja bin-numru 14/1976 li nħarġet fl-14 ta'Mejju 2009. Huwa jista' jbiegħ karozzi u muturi mill-fond 2 Jason Car Imports Tirq il-Kanonku Pirotta Birkirkara. Huwa ma jistax jesponi karozzi jew muturi għall-bejgħ barra mill-fond.

L-aggravji tal-appellant jistgħu jinġabru hekk: li l-pulizija assumew li dawn iż-żewġ vetturi kienu tal-appellanti u li l-Prosekuzzjoni jmissha ġabet prova li dawn il-karozzi kienu tal-appellant.

Ikkonsidrat

Fil-fehma tal-Qorti, l-affidavit jagħti dettalji biżżejjed li jorbtu lill-appellant mal-karozzi msemmija. Biżżejjed wieħed iqis li waħda minnhom kellha l-website 'jasonautodealer.com' fuqha. Mhux loġiku li xi sid ta' karozza jaqbad u jwaħħal l-isem tal-website ta' persuna oħra karozza li tappartjeni lilu.

Lanqas ma huwa probabbli li persuna differenti twaħħal karta flourescent oħra fuq il-karozza tagħha.

U tkun trid denominator tassew qawwi f'somma tal-probabilita' sabiex jissuċċedu l-konsiderazzjonijiet msemmija fl-aħħar żewġ paragrafi u magħhom iżżid li dawn il-karozzi nstabu ħdejn il-ħanut bl-istess isem tal-ħanut fuq karozza minnhom.

L-evidenza kollha tipponta lejn l-appellant.

Mill-affidavit jirriżulta li 'sid il-garaxx ikkonċernat kien mitkellem fl-għassa.'

Din il-Qorti ma tiddisturbax id-deċiżjoni ta' Qorti tal-Maġistrati jekk dik il-Qorti setgħet tasal għall-konklużjoni tagħha raġonevolment u legalment. Fil-fehma tal-Qorti ma jeżistux raġunijiet għala għandha tiddisturba din is-sentenza.

Il-Qorti qed tiddeċiedi li l-Prosekuzzjoni ġabet provi biżżejjed dwar l-ewwel żewġ imputazzjonijiet meta wieħed jikkonsidra l-affidavit u d-dikjarazzjoni ġuramentata msemmija.

Għalhekk mhix qed tilqa' ż-żewġ aggravji tal-appellant.

**Konklużjoni**

**La din il-Qorti ma laqgħetx l-aggravji, isegwi li qed tikkonferma s-sentenza mogħtija fit-13 ta' Marzu, 2012 fl-ismijiet premessi fl-intier tagħha.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------